



Brussell, 26 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

7482/25

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0288(COD)

---

SOC 175  
EMPL 118  
CODEC 339  
STATIS 11  
ECOFIN 347

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 134 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibū meħmuż id-dokument COM(2025) 134 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 134 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 25.3.2025  
COM(2025) 134 final

2023/0288 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI  
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea  
li tikkonċerna**

**I-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li  
jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru  
450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**li tikkonċerna**

**I-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### **1 KUNTEST**

Data meta ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-it-28 ta' Lulju 2023 Kunsill (id-dokument COM(2023) 459 final – 2023/0288 COD):

Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	N/A
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	1-24 ta' April 2024
Data meta ntbagħtet il-proposta emendata:	il-21 ta' Ottubru 2024
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	1-24 ta' Marzu 2025

### **2 OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI**

Il-proposta għandha l-għan li timmodernizza l-qafas legali eżistenti għall-istatistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji. L-objettivi ewlenin tagħha huma li tadatta l-qafas regolatorju biex tkun possibbli aktar flessibbiltà fl-issodisfar tal-ħtiġijiet emerġenti tad-data, ittejjeb it-tempestivit u testendi l-kopertura tal-istatistika għall-ekonomija kollha, tippromwovi l-użu ta' sorsi u metodi tad-data innovattivi, u tiżgura li d-data dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri tingħata mill-Istati Membri kollha.

Dawn l-objettivi se jintlaħqu bl-elementi ewlenin li ġejjin fil-proposta: i) permezz ta' atti delegati u ta' implementazzjoni, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li timmodifika l-lista tas-suġġetti dettaljati u l-karatteristiċi tal-forniment tad-data kif ukoll li tiddefinixxi d-data ad hoc; ii) il-kopertura tal-ġbir tad-data dwar l-istruttura tal-qligħ u l-kostijiet lavorattivi hi estiżja għat-taqsimi “Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja” tal-klassifikazzjoni statistika tal-aktivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea (NACE) u dwar l-istatistika fuq il-postijiet tax-xogħol vakanti biex tkopri l-ekonomija kollha fil-pajjiżi kollha (madankollu l-mikrointrapriżi huma eżentati mill-ġbir tad-data dwar l-istruttura tal-kostijiet lavorattivi biex jiġi limitat il-piż tar-rapportar li jgħarrbu); iii) it-tempestivit titjieb għall-

indiċi tal-kost lavorattiv trimestrali u għall-istruttura ta' kull 4 snin tad-data dwar il-qligħ, u huma introdotti stimi rapidi u bikrija tal-indiċi tal-kostijiet lavorattivi. L-introduzzjoni tal-ġbir obbligatorju tad-data dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri hija wkoll element tal-proposta.

### **3 KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL**

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-12 ta' Diċembru 2024. Il-Kummissjoni taċċetta l-qbil ġenerali. Il-punti ewlenin ta' dan il-qbil huma kif ġej:

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea, speċjalment l-Artikolu 17c, jirrikjedi li l-leġiżlazzjoni settorjali tiddefinixxi l-kategoriji tad-data personali li tista' tinkiseb mingħand id-detenturi privati tad-data. Ġiet inkorporata dispożizzjoni addizzjonali fl-Artikolu 3 "Sorsi u metodi" biex tifaċilita l-aċċess għad-data personali għall-finijiet tal-istatistika tas-suq tax-xogħol.

Żdiedu salvagwardji bbażati fuq il-prinċipji fir-rigward tal-atti delegati u ta' implementazzjoni tal-Artikolu 4. Dawn is-salvagwardji jenfasizzaw l-importanza li l-piż fuq ir-respondenti jkun minimizzat u li qabel jiġi propost xi att delegat jew ta' implementazzjoni jitwettqu studji tal-fattibbiltà jew studji pilota ffinanzjati mill-UE. Il-perjodiċità, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenzi tat-trażmissjoni tas-suġġetti dettaljati li digħi huma inklużi fl-Anness mħumiex se jiġu emendati permezz ta' att delegat. L-atti delegati jistgħu jistabbilixxu l-parametri stabbiliti hawn fuq għas-suġġetti dettaljati l-ġodda biss.

Il-ftehim jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet tal-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tad-data ad hoc b'regoli ġodda dwar il-produzzjoni tad-data temporanja. Ġew introdotti limiti fuq il-frekwenza, is-sena tal-introduzzjoni u l-perjodu tal-forniment tad-data.

It-tul tad-derogi possibbi mir-Regolament u l-atti delegati u ta' implementazzjoni tiegħu ntrabat mal-perjodiċità tal-ġbir tad-data. Se tapplika deroga ta' 4 snin għall-ġbir tad-data pluriennali, deroga ta' sentejn għall-perjodicitajiet annwali, u deroga ta' sena għall-ġbir tad-data trimestrali. F'każijiet ġustifikati, il-Kummissjoni tista' tagħti deroga oħra ta' sena indipendentement mill-perjodiċità.

Minħabba l-fatt li dan ir-Regolament se jiġi adottat aktar tard milli kien previst, inbidlu wħud mill-ewwel perjodi ta' referenza mill-2026 għall-2027.

L-indiċijiet trimestrali tal-kost lavorattiv totali u tas-sigħat maħduma se jingħataw fuq bażi volontarja.

La l-emendi tal-Parlament u lanqas dawk tal-Kunsill ma jintroduċu piż addizzjonali potenzjali fuq l-amministrazzjonijiet jew in-negozji. Is-salvagwardji proposti mill-Kunsill għandhom l-għan espliċitu li jevitaw kost jew piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew ir-respondenti.

Il-Kummissjoni tfakkar li d-disponibbiltà tal-finanzjament hija rekwiżit strett skont ir-

Regolament Finanzjarju u li l-ftehim ma jippreġudikax il-proposta futura tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

#### **4 KONKLUŻJONI**

Il-Kummissjoni taċċetta r-riżultati tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.